# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 28 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 1508/96**

**Numru 28**

**Ali Ezabe in rappresentanza ta' North Sea Fibreglass Limited**

**vs**

**Vincent Camilleri in rappresentanza tas-socjeta' Park Hotel Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li permezz tieghu l-attur nomine talab sabiex il-konvenut nomine jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur noe s-somma ta' tlett mija u hamsa u hamsin Lira Maltija, u hamsin centezmu (Lm355.50,0) bilanc ta' prezz ta' impjant tal-markju "Grease-Trap" intiz ghall-uzu fil-kcina tal-Park Hotel, gestita mis-socjeta' konvenuta mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta, bil-prezz globali ta' sitt mija u hamsa u hamsin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm655.50,0).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut nomine (a fol 7 u 17 tal-process) li biha eccepixxa illi fl-ewwel lok dawn il-proceduri huma irregolari u irriti billi l-attur kien gja ddeduca l-pretensjoni in gudizzju bic-citazzjoni Nru 1129/96FGC fl-ismijiet "Ale Ezabe in rapprezentanza ta' North Sea Fibreglass Limited vs Vincent Camilleri in rappresentanza tas-socjeta Park Hotel Limited", liema gudizzju mar dezert u l-attur ghadu ma hallasx lis-spejjez ta' dik l-kawza;

Illi x-xoghol fornit mill-attur lid-ditta konvenuta ma kienx tal-kwalita pattwita u mahdum skond l-arti u s-sengha u ghalhekk l-azzjoni tal-attur hija intempestiva.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' April  1997 a fol 9 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi f'dan l-istadju ser tinghata decizjoni in rigward l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine.

Illi in rigward l-istess eccezzjoni xehed il-konvenut nomine (a fol 20 u 33 tal-process).

Inoltre permezz ta' nota, dan esebixxa kopja tac-citazzjoni imsemmija fl-istess eccezzjonijiet sottomessi minnu (fol 23 sa 28 tal-istess atti) kif ukoll kopja tad-digriet li bih l-istess citazzjoni giet dikjarata deserta skond l-artikoli 964 tal-Kapitolu 12 liema dokumenti ma gewx kontestati mill-attur nomine (ara ukoll fol 46 u 47 tal-atti). Jinghad ulterjorment li meta xehed, il-konvenut nomine taht gurament iddikjara li " .... qatt ma ircevejt xi flus minghand l-attur nomine in konnessjoni mal-kawza in kwistjoni".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut nomine (fol 37 tal-atti) ghamel referenza ghall-artikolu 907(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u issottometta li "ir-rinunzja ggib l-istess effett tad-dezerzjoni" cioe sabiex tigi riproposta kawza s'intendi bejn l-istess persuna u fuq l-istess meritu, liema kawza tkun marret dezerta l-attur hu obbligat li qabel xejn jhallas l-ispejjes tal-istess kawza lill-parti l-ohra.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li trid tigi akkolta l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' natura preliminari tal-konvenut nomine u tillibera lill-istess konvenut nomine mill-osservanza tal-gudizzju; bl-ispejjes kontra l-attur nomine.

Alan Calleja
Dep.Reg